

RESPICE
STELLAM,
VOCA
MARIAM

### Il-mużika sagra fil-festa ta' Marija Annunzjata

# Is-Surmast Paul Nani (1906 - 1986)

*Alfred Camilleri*

*Fil-ħarġa tal-programm tas-sena l-oħra (2017), il-Baritonu Alfred Camilleri kompla jagħtina tagħrif dwar kompożituri Maltin li fil-ġranet tal-festa titulari ta' Marija Annunzjata għandna x-xorti nisimgħu l-mużika tagħhom ġewwa l-Knisja Parrokkjali. Din is-sena se jkompli b'din ir-rubrika u se jikteb dwar is-Surmast Paul (magħruf ukoll bħala Paolino) Nani (1906-1986). Ma nħalltux lil Mro. Paul Nani ma' Mro. Dr. Paolo Nani li dwaru kien l-artiklu s-sena l-oħra. Dan tal-aħħar jiġi n-nannu tal-ewwel! Fil-fatt Mro. Paul Nani jiġi t-tifel ta' Mro. Anton Nani, iben Mro. Dr. Paolo Nani.*

Paul Nani twieled il-Belt Valletta nhar it-23 ta' Diċembru 1906 minn Anton u Carmela Mifsud. Meta kellu ħames snin beda l-istudji tiegħu fil-pjanu u t-teorija tal-mużika taħt missieru, Carlo Fiamingo u l-kant taħt Gaetano Roveri. Ta' 13-il sena missieru kien diġà beda jħallih imexxi l-orkestra. Kif għalaq 21 sena telaq lejn Ruma fejn kompla jistudja l-kompożizzjoni u l-fuga taħt Vincenzo di Donato u l-orkestrazzjoni taħt Ermanno Wolf Ferrari. Wara tmien snin reġa' lura Malta fejn waqqaf skola tal-mużika u pprova jerġa' jagħti ħajja lill-wirt mużikali tal-familja tiegħu li bih kien kburi ħafna. Fl-1930 inħatar surmast tal-kant fit-Teatru Rjal. Fl-1932 ġie nominat Surmast Onorarju tal-Filarmonika *La Valette*. Waqqaf orkestra sinfonika u fl-1939 inħatar għalliem tal-mużika mill-British Council. Iżżewweġ lil Lucy Degiorgio.

Hawn tajjeb ngħidu li fl-1903 il-mużika sagra-operistika fil-knejjes Maltin ħadet daqqa ta' ħarta bil-ħruġ tal-Motu Propio mill-Papa Piju X *TRA LE SOLLECITUDINI*. Dan il-motu kkundanna bil-qawwa kollha l-mużika sagra fuq stil teatrali u nkoraġġixxa l-mużika polifonika ta' żmien Palestrina. Lanqas ma seta' jibqa' jsir il-qsim ta' testi liturġiċi f'movimenti twal, bħallikieku qiegħed tassisti għal xi att f'opra. Il-biċċiet għas-solisti kellhom ikunu iżgħar waqt li t-tfal kellhom jintużaw minflok in-nisa għall-parti tas-sopran. Seta' jintuża l-orgni biss u l-ebda strument ieħor ma seta' jkun inkluż mingħajr il-permess tal-Isqof. Il-preludji u l-intermezzi fil-mużika sagra kellhom jispiċċaw darba għal dejjem. M'għandniex xi ngħidu, dan kollu qajjem oppożizzjoni kbira min-naħa tal-*Cappelli* Bugeja u Nani, iż-żewġ *Cappelli* tradizzjonali. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, tagħmel ħafna sens l-aħħar sentenza f'gazzetta li kienet qed tħabbar il-mewt ta' Dottor Paolo Nani nhar it-22 ta' Marzu 1904: ***"Is-Surmast Nani rrealizza li l-mużika f'Malta mietet u għalhekk xtaq imut hu wkoll."***

Għaliex qiegħed ngħid dan kollu? Propju għaliex f'dawn iċ-ċirkustanzi kellu jsib ruħu Paolino Nani. Kif għedt aktar qabel, meta ġie lura minn Ruma, huwa pprova jqajjem il-mużika ta' nannuh Dottor Paolo u missieru Anton. Forsi dawn l-isforzi ġew mgħejjuna bil-mewt bikrija tas-Surmast Giuseppe Caruana fl-1931 li kiteb ħafna mużika sagra skond il-gwidi tal-Motu Propio. Iżda għalkemm il-*Cappella* Nani reġgħet ġibdet lejha ammont sostanzjali ta' knejjes parrokkjali li kienu telquha minħabba l-esiġenzi tal-*Motu Propio*, xorta ma rnexxilhiex tikseb lura dik il-glorja u dominanza li kellha fis-seklu 19. B'Paolino Nani, id-dinastija ta' dawn il-kompożituri kellha tiġi fi tmiemha.

Paolino għamel ħafna suċċessi f'dik li hi direzzjoni. Infatti bejn l-1936 u l-1952 organizza diversi kunċerti bl-iskop li l-pubbliku Malti jiskopri kompożituri barranin u lokali, minsija jew oħrajn li isimhom kien jidher f'xi indiċi iżda l-mużika tagħhom baqgħet dejjem fuq l-ixkaffa fosthom Vaughan Williams, Elgar, Britten, Bax, Bridge, Walton u Deljus. Fl-1940, fuq talba tal-British Council, idderieġa l-opra Ingliża *THE GONDOLIERS* ta' Gilbert & Sullivan u li ttellgħet b'suċċess kbir għal ħames darbiet. Paolino dderieġa diversi orkestri fl-Italja (fl-*ACCADEMIA REALE*, fis-Sala *PIA* ta' Castel Sant'Angelo u fit-Teatru QUIRINO) u l-Ingilterra (fil-*BRITISH BROADCASTING CORPORATION*, meta fl-1950, idderieġa programm minn Glasgow esegwit mill-*BBC SYMPHONY ORCHESTRA*. Nhar il-11 ta' Jannar 1951 hu qala' tifħir mingħand il-Prinċipessa Eliżabetta II (illum Reġina) wara li ta kunċert klassiku mill-isbaħ fit-Teatru Manoel u li fih kienet ħadet sehem is-Sinjurina Mary Vella bħala solista fit-*TCHAIKOVSKY PIANO CONCERTO*.

Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu *TRISTEZZA* li rebħet il-konkors imniedi bħala tifkira ta' Ofelia Alba, *ECCE SACERDOS MAGNUS*, il-*MALTA WAR SYMPHONY*, *REQUIEM* (iddedikata lill-Maltin li mietu fil-gwerra), *PRELUDIO E FUGA*, *INNO A SAN PAOLO NAUFRAGO*, *MAGNIFICAT* (fl-okkażjoni taċ-Ċinkwantinarju mit-twaqqif tal-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt Valletta), *MESSA SOLENNE IN DO MINORE* u r-Romanze *BACIO MORTO*, *PARLANO GLI ALBERI* u *ADDIO ALLA LUNA*.

Huwa kien tal-fehma li f'Malta kienet meħtieġa Akkademja tal-Mużika li tkun mezz ewlieni ta' kunċerti, tirrekordja l-mużika u tħares ix-xogħlijiet tal-awtur permezz tal-*copyright*. Is-Surmast Paolino Nani kien l-ewwel direttur Malti li introduċa l-hekk imsejħa "direzzjoni tal-frażi" u għaldaqstant idejh ma kienx iżommhom sinkronizzati mar-ritmu biss.

Paolino Nani miet nhar is-6 ta' Settembru 1986 fl-għomor ta' 80 sena. Qabel mewtu huwa rregala l-kompożizzjonijiet kollha tas-Surmastrijiet Nani lill-Mużew tal-Katidral tal-Imdina.

Illum il-ġurnata, fl-aħħar tlett ijiem tal-festa titulari ta' Marija Annunzjata għandna x-xorti li nisimgħu kompożizzjoni sabiħa ħafna ta' Paolino. Qed nirreferi għat-**TANTUM ERGO IN FA**. Dan huwa Tantum Ergo f'forma ta' dwett għal tenur, baritonu u orkestra żgħira li kiteb waqt li kien Napli fis-sena 1929. Sal-lum għadu jitqies l-aktar xogħol popolari tiegħu li kantawh l-aqwa tenuri u baritoni Maltin, xogħol sabiħ u melodjuż li fih element ta' oriġinalità li tolqot u teknika vokali brillanti. Dan it-Tantum Ergo mhux biss ta' kull sena jkolli x-xorti li nkantah f'ħafna mill-knejjes parrokkjali f'Malta u Għawdex, inkluż dik ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien, iżda aktar minn hekk kelli x-xorti akbar li f'Diċembru 2003, fuq l-inizjattiva tal-Bank APS (Malta), nirrekordjah fuq diska kompatta flimkien ma' xogħlijiet oħra ta' kompożituri Maltin tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Ħadt sehem ma' orkestra mmexxija mis-Surmast Dun Ġwann Galea (*THE JUBAL ORCHESTRA*) u mat-tenur Joseph Aquilina. Ix-xogħol tal-irrekordjar kien afdat f'idejn il-kumpanija *GEGA NEW* tal-Bulgarija.

Jalla fil-festi tagħna jibqgħu jinstemgħu xogħlijiet mużikali bħal dawn li bla dubju ta' xejn huma ġawhar prezzjużi fl-istorja tal-mużika sagra Maltija!